A.L. 245 ta' l-2005

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Water Operations Management taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2005 skond ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Water Operations Management taħt il-patroċinju ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura;

"il-Bord ta' l-Istudji" tfisser il-Bord ta' l-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Water Operations Management; u

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studji li jwassal għad-Diploma in Water Operations Management.

L-Applikabilita'

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew minn Frar 2004 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Universita'.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sena ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti tiegħu fuq bażi *part-time.*

Il-Programm tal-Kors

5. (1) Il-kors ta' l-istudji jikkonsisti f'għadd ta' taqsimiet studju fi tliet oqsma ta' studju, li għalihom hemm assenjati 60 kredtu, inklużi taqsimiet studju mgħallma, pjazzament industrijali u esej twil ta' bejn it-8,000 u d-9,000 kelma.

(2) L-istudenti huma responsabbli biex jagħmlu l-arranġamenti meħtieġa dwar fejn se jagħmlu l-pjazzament industrijali. Dawn l-arranġamenti għandhom ikunu approvati mill-Bord ta' l-Istudji qabel il-bidu tal-pjazzament industrijali.

(3) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi dwar il-livell milħuq minnhom fil-pjazzament industrijali ma jitħallewx jirrepetu l-pjazzament industrijali.

(4) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-Bord ta' l-Eżaminaturi fl-esej twil jistgħu jkunu mitluba mill-Bord ta' l-Istudji biex jissottomettu verżjoni riveduta ta' l-esej twil fi żmien tmien ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultati. F'dawn il-każijiet, l-ogħla marka u grad li jistgħu jingħataw huma 45% - grad D.

6. Il-Bord għandu jippubblika l-Programm ta' Studju għad-Diploma fil-bidu ta' kull Kors. Bl-approvazzjoni tas-Senat, fil-kaz li l-Bord ikun kostrett jagħmel xi tibdiliet, l-istudenti jridu jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kredti kif indikat fil-Programm Studju,

Sakemm li l-Programm ta' Studju jkun imħejji skond il-provvedimenti rilevanti tar-Regolamenti Prinċipali.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

7. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-għan tal-klassifikazzjoni tad-Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.